MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 212/2011

Kawza fil-lista:  21

**Y R bhala kuratrici ad litem**
**tal-minuri G, E u T, ahwa R**
**vs**
**W V u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici *nomine* ppremettiet u talbet hekk:  li minn relazzjoni twila li hi kellha mal-konvenut W V, twieldu t-tfal G, E u T; li ghalkemm dawn gew registrati fuq l-att tat-twelid taghom bhala ulied ta’ missier mhux maghruf, fil-fatt il-missier naturali taghhom huwa l-konvenut W V li min-naha tieghu ma jridx jirrikonoxxi lit-tfal;  ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara il-minuri G R ta' 10 snin; E R ta' 9 snin u T R ta' 10 xhur huma lkoll ulied naturali tal-intimat W V u dana okkorrendo anke permezz tal-hatra ta' perit nominandi;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex minn fuq ic-certifikati tat-twelid tal-minuri fil-kolonna fejn hemm indikat 'isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier', jithassru l-kliem 'unknown father' u tordna li jigu sostitwiti bl-isem il-missier naturali u cioe' 'W V (Pieta', Malta)' u bi kwalunkwe dettalji ohra relattivi u tordna u tawtorizza kull modifika ohra necessarja fid-dawl tal-ewwel talba u jekk ikun mehtieg f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat W V.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur li, wara li eccepixxa li jonqos il-konfemra tal-attrici bhala kuratrici *ad litem*, irrefera ghall-artikolu 100A Kap.16;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha eccepixxa: li meta twieldu t-tfal G u E huwa kien f' relazzjoni mal-attrici, izda meta twieled it-tifel T l-attrici kienet f'relazzjoni ma' terzi; li r-relazzjoni tieghu mal-attrici ma kienitx wahda stabbli u esklussiva; li hu lest li jersaq ghat-testijiet tad-DNA necessarji;

Rat ir-rapporti[1] xjenitifici prezentati mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici, li permezz tal-gudizzju odjern qed tigi konfermata kuratrici ad litem tat-tlett minuri, qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tfal G [22.11.2000; 4777/00], E

[1] Fols.39 *et seq.*

[07.10.2001; 4005/01] u T [11.8.2010; 2620/10], imwieldin fid-data ndikata u registrati fuq l-att tat-twelid taghhom ukoll indikati, bhala wild ta' missier mhux maghruf, huma fil-fatt il-wild naturali tal-konvenut W V;  u wkoll qed titlob id-debita korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid taghhom.

Min-naha tieghu l-konvenut W V jeccepixxi li, ghalkemm huwa kellu relazzjoni stabbli mal-attrici, r-relazzjoni ma kienitx wahda esklussiva;  ghalhekk taha l-kunsens tieghu sabiex isiru t-testijiet tal-paternita';

Illi r-rapporti xjentifici tad-DNA jikkonfermaw it-tezi attrici, u cioe' li t-tlett t'itfal huma l-wild naturali tal-konvenut W V.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tlett t'itfal fuq indikati, G, E u T li twieldu mill-attrici, huma l-wild naturali tal-konvenut W V; u ghalhekk tordna l-korrezzjonijiet relattivi fl-atti tat-twelid tat-tfal fit-termini tat-tieni talba.

Spejjez a kariku tal-attrici u  tal-konvenut W V, konguntivament u fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------